# Mikiel Abela l-Bambinu, il-Qajjenza u Birżebbuġa

## (1920-1991) 25 Sena minn Mewtu

**Joe Julian Farrugia**

### Introduzzjoni

Fi żminijiet mgħoddija, in-nuqqas ta' trasport u komunikazzjoni kienu aktar joftmu pajjiż minn ieħor. Kien ikun hemm anqas taħlit ta' ilsna, ta' drawwiet u ta' kulturi. Għalhekk l-espressjoni kienet aktar tingħaraf li hi marbuta ma' ġens milli ma' ġens ieħor. It-tifsir tal-ferħ, in-niket, l-umoriżmu, il-lament u kull xorta ta' emozzjoni oħra li jgħix il-bniedem kienu aktar awtentiċi u jixhdu r-ruħ tal-poplu u l-wirt tal-lokal. U f'pajjiż għira bħalma hi Malta, il-bixra folkloristika setgħet biss tiġi influwenzata mill-pajjiżi ġirien permezz tal-baħħara, li xorta, iżda, kienet tirrifletti ħajja, xogħol u twemmin qarib. Il-għana ta' pajjiżna hija mod kif missirijietna kienu jiddevertu, kienu jaqsmu d-dieqa, kif ukoll kif kienu jtarrfu lil uliedhom il-leġġendi, ħrejjef jew fatti tal-imgħoddi. Wieħed li żgur kien magħruf għall-għana żgur li kien Mikiel Abela magħruf bħala *l-Bambinu*.



### Tfulitu

Mikiel Abela twieled fiż-Żejtun l-għada ta' Santa Marija fis-16 ta' Awwissu 1920. Ommu kienet iżżewġet tliet darbiet u hu kien iż-żgħir fost żewġt aħwa mill-aħħar żwieġ. Ħuh mill-istess żwieġ kien jismu Ġużeppi. Missieru kien raġel mibni, ruxxan, għajnejh koħol u kellu l-laqam ta' *Bambinu*, liema laqam imbagħad wirtu anke Mikiel. Huma kienu jgħixu ġo razzett bejn il-Qajjenza u Marsaxlokk taħt ir-riħ tal-*Marnisi*. Missieru kien bniedem ta' dixxiplina u lil uliedu kollha taħom l-edukazzjoni. Il-ħajja fir-razzett kienet ħajja sempliċi, ta' familja miġbura li taqla' l-għajxien tagħha minn frott l-uċuħ tar-raba u mill-bhejjem li minn dejjem baqgħu l-għaxqa ta' Mikiel, anke meta kiber.

### Kellu diversi Impjiegi

Matul ħajtu, Mikiel kellu ħafna xogħlijiet. Ġieli kien ibigħ l-inbid, kien bil-laħam, bil-ħaxix, idur bil-mogħoż ibigħ il-ħalib, kien armat bil-pitrolju, ġieli għamilha ta' mastrudaxxa, kellu lukanda żgħira u għamel żmien ukoll gwardjan mad-*Dockyard Police*. Kien saħansitra ttanta xortih fl-Awstralja fi żminijiet meta l-emigrazzjoni kienet komuni ħafna. Hemmhekk għamel biss xi sena iżda reġa' ġie lura lejn ir-razzett ta' qalbu.

### Żwieġ u familja

Kien iżżewweġ lil ċerta Ġużeppa li kien iltaqa' magħha meta kienet taħdem f'dar viċin fejn kien joqgħod. Kellha



ħmistax-il sena meta żżewġet u Mikiel kien ħames snin akbar minnha. Miż-żwieġ tagħhom kellhom ħames ulied; tlett ibniet u żewġ subien. Waħda mill-bniet li kien jisimha Marija kienet mietet ċkejkna ħafna u t-tifla li ġiet wara, Marija li qiegħed nintervista jien, issemmiet għaliha. Il-mewt, iżda, ħasdet f'qasir il-għomor lil Ġużeppa fis-17 ta' Settembru 1968 meta kellha l-età ta' 43 sena, tlett ijiem biss wara li żżewġet Marija. Mikiel ħassha ħafna l-mewt ta' martu u wara li għamel erbatax-il xahar bogħod mill-għana ddedikalha għanja sabiħa bl-isem ta' *"Il-Firda Eterna"* fejn fiha jirrakkonta l-isbaħ mumenti fil-kumpanija tagħha, it-trobbija tal-familja u d-destin kiefer li firidhom.

### Iħobb il-bhejjem u ż-żiemel 'Pizu'

Marija rrakkuntatli b'ċerta nostalġija kif missierha, minħabba li għex dejjem fir-razzett, minn dejjem kellu l-annimali. Kellu tiġieġ, mogħoż, fniek kif ukoll barri tar-razza pura Maltija. Min jaf kemm-il darba kien jieħdu miegħu għall-wirja tal-Imnarja fil-Buskett, imbagħad ipoġġih f'xi stalla ta' xi ħbieb Rabtin sakemm jerġa' jinżel il-Buskett għall-



kompetizzjoni tal-għana. Kellu żiemel partikolari. Kien jismu *Pizu*. Tant kien jobdi li kien jieħdu miegħu kullimkien. Darba anke tellgħu f'gallarija fiż-Żejtun. Dan *Pizu* donnu kien ħass l-għali bħal sidu meta mietet Ġużeppa u miet fl-istess żmien ukoll.

**Ammiratur ta' Diversi Kantanti**

Minkejja li l-*Bambinu* kien għannej prim, ma kienx dilettant tal-għana biss. Kien iħobb ħafna l-mużika Taljana. Kien jitgħaxxaq bil-vuċijiet ta' *Beniamino Gigli* u *Claudio Villa*. Kien jogħġbu wkoll il-ksur f'leħen *Iva Zanicchi*, il-kanzunetti ta' *Sergio Endrigo* u t-tarantelli Naplitani. Lejn l-aħħar, kienet togħġbu wkoll *Jennifer Rush*. F'Malta l-favorita tiegħu kienet *Mary Spiteri*, dik li kien iħobb isejħilha r-reġina tal-kanzunetta Maltija. Ma tantx kien dilettant tal-festi. Lanqas ma kien iħobb ix-xorb, għalkemm għanna f'ħafna ħwienet tax-xorb, kien jordna biss xi te` jew kafe` bla ħalib biex ibill griżmejh ħa jkun jista' jgħanni aktar. Kien iħobb ukoll l-isport, għalkemm Marija qatt ma tiftakru jipprattikah. Kien iżomm mat-Taljani fil-futbol u kien iħobb ukoll it-tlielaq taż-żwiemel. Fix-xitwa, infatti, kien iqatta' l-Ħdud wara nofsinhar il-Marsa jara dak l-isport.

**L-Għana fil-Qajjenza**

Fis-sajf, iżda l-għors tiegħu kienet l-għana għall-arja friska tal-baħar. Wara li filgħodu kienu jiltaqgħu daqqa f'xi ħanut u daqqa f'ieħor, għal xi t-tlieta jew l-erbgħa kien jerħilha lejn il-kamra li kellu l-Qajjenza, fejn kienu jiltaqgħu d-daqqaqa, l-għannejja u d-dilettanti biex jgħaddu sigħat twal iqabblu, jieħdu u jagħtu pjaċir. Dak iż-żmien il-Qajjenza ma kienx hemm bini u ħafna nies kienu jfittxuha biex filwaqt li joqogħdu jgħumu, jitpaxxew bi ftit għana mill-aqwa esponenti ta' dak iż-żmien. Kienu jieqfu biss meta jidlam u kulħadd jinġabar lejn daru.

**Beda jgħanni ta' 35 Sena !**

Mikiel ma kienx beda jgħanni żgħir ħafna. Kien beda meta kellu madwar 35 sena. Kien jgħanni ħafna xorti ta' għana; mill-ispirtu pront sal-għana tal-fatt. Iżda, skont Marija, l-aktar għana li kienet tiġbed in-nies, u forsi din kienet ir-raġuni għala ħafna nies kienet tiġri warajh, kienet l-għana umoristika. Mikiel kien bniedem ċajtier u jieħu kollox biċ-ċajt. Dan kien rifless ħafna fl-għanjiet tiegħu. Kien jgħanni għanjiet ħelwin mingħajr ħafna tgħajjir żejjed. In-nies kienu jiftakruhom bl-isem u jitolbuhomlu kull fejn ikun qiegħed jgħanni. Kien jieħu sehem f'ħafna xalati tal-għannejja li dak iż-żmien kienu popolari ħafna u llum x'uħud minnhom intemmu fix-xejn. Kienu jmorru l-Mellieħa fil-Vitorja, għal San Mattew tal-Maqluba fil-Qrendi, taħt it-torri fejn illum hemm il-klabb tal-futbol f'Marsaxlokk nhar San Girgor, minbarra naturalment l-Imnarja fil-Buskett. L-Imnarja ma kinitx bħalma nafuha llum. U Marija tiftakar lil missierha jgħid kemm kienet isbaħ qabel. Ma kienx jintrama l-palk u ma kellhom l-ebda teknoloġija u mikrofoni. Kienu jintefgħu ħdejn it-taraġ tal-misraħ li hemm f'nofs il-Buskett u ħallihom hemm jgħannu minn xħin jidlam sakemm terġa' titfaċċa x-xemx. Ma kinux jarmaw bħal-lum bil-*burgers* u kull xorta ta' ikel li mportajna minn barra. Kienu jsajru l-fniek, jixorbu l-inbid, għalkemm Mikiel kien joqgħod bogħod minnu, u jieklu xi maqrut sħun. Wara, din il-festa bdiet tiġi organizzata mod ieħor, daħlu l-kompetizzjonijiet u Mikiel kien rebaħ ħafna minnhom. Iżda xorta waħda kien jippreferi l-Imnarja ta' qabel.

**L-Ewwel Għannej fuq il-Media**

Il-*Bambinu* kien ħareġ xejn inqas minn 21 diska. Kien l-ewwel wieħed li għanna fuq ir-*Rediffusion*, l-uniku mezz radjofoniku ta' żmienu u fuq it-televiżjoni Maltija. Ma għanniex, iżda f'pajjiżna biss. Għanna lil ħutna Maltin fil-Kanada u l-Awstralja, fil-Festival ta' Agrigento fi Sqallija, fl-Ingilterra, il-Ġermanja, il-Libja u l-Italja. Fi żmien kien jagħmel parti mill-grupp folkloristiku *Viva Malta* flimkien ma' *Tony Camilleri*. U skont bintu Marija, kienet propju ma' *Tony Camilleri* l-aħħar għanja li għanna waqt serata tal-Iljieli Mediterranji ġewwa l-ġonna tal-Argotti u kienu għannew l-aktar għana li kien għal qalb il-Bambinu, l-għana umoristika.

**Għeluq**

Mikiel miet fl-età ta' 70 sena f'jum San Pawl, l-10 ta' Frar 1991. Huwa ħalla wirt kbir lill-kultura Maltija. Kien xieraq għalhekk li sarlu monument fid-daħla ta' raħal twelidu, iż-Żejtun, li hu kien jiddiskrivieh bħala l-benniena tal-għannejja. Minkejja li l-ġenerazzjoni ta' llum ma tistax tgawdih jgħanni u jagħti pjaċir, żgur li għal kull min għandu l-għana għal qalbu, l-isem ta' Mikiel Abela *l-Bambinu* ma jmut qatt. Dan għaliex minkejja li kien għannej imfittex, dejjem baqa' umli fi kliemu u fi ħsibijietu. Kien bniedem li għex fir-raba u qatt ma ħalla l-ebda unur jew fama jagħmluh b'xi mod imkabbar. Inħoss li għandi nagħlaq b'żewġ strofi minn tiegħu, versi ħfief, li jifhimhom kulħadd u li jixhdu pero` l-ġenwinità fi kliemu.

Jien għannej, nikteb l-istejjer;
Hawn għannejja jagħmlu bħali:
La tgħidux li domt niftaħar,
Għax jiena m'inix speċjali.

Għidtilkom kollox fil-qosor
Dak li għadda mingħalija;
Kull suġġett li semmejtilkom,
Nagħmel l-isbaħ poeżija!

**Is-Soċjetà tifraħ lill-Kunsill Lokali tal-inizjattiva li ħa biex bis-saħħa ta' xi għaqdiet u żgħażagħ minn Birżebbuġa għamlu 'mural' sabiħ fi Triq Żaren Dalli mal-ħajt tal-Iskola ta' Birżebbuġa. Fid-disinn jidher l-isports u jidher ukoll il-Logħob tan-Nar kemm tal-Ajru u anke tal-Art, xi ħaġa li għalihom Birżebbuġa saret veru sinonima. Aħna nħeġġu aktar attivitajiet minn dawn, speċjalment meta fihom jidħlu elementi marbutin mal-festa titulari tagħna. B'hekk inkunu qed niżirgħu fit-tfal tagħna l-imħabba lejn il-lokalità tagħna u l-festa tar-raħal iddedikata lil San Pietru Appostlu.**